Numru 12,567
www.media.link.com.mt

# IN-NAZZJON

Il-Ħamis, 29 ta' Lulju, 2010
€0.45



Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi ddeskriva l-industrija tal-*cruise liners* bħala industrija ġdida li kibret fl-aħħar snin grazzi għat-tisħiħ tas-sħubija bejn il-Gvern u l-privat f'dan is-settur. Il-Prim Ministru, akkumpanjat mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Mario de Marco, ilbieraħ żar il-Valletta Waterfront u l-bini tat-Terminal tal-Passiġġieri għall-*Cruise Liners*. Aktar f'paġna 5 (Ritratt: Michael Ellul)

# L-għajnuna tal-ETC għat-taħriġ tal-ħaddiema tal-ST hi kruċjali

minn Robert CREMONA

L-ghajnuna li qed jaghti l-Gvern lill-ST MicroElectronics, skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea, se sservi fost l-ohrajn biex l-1,500 impjegat ta' din il-kumpanija jkomplu jitharrġu filwaqt li jiksbu *standards* gholjin u jżommu l-livell ta' xoghol li diġà ghandhom.

F'kummenti lil *IN-NAZZJON*, kelliem ghall-ST MicroElectronics qal li dan it-tahriġ, li se jkun qed jinghata bl-ghajnuna tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahriġ (ETC), se jkun kruċjali ghall-kumpanija. Dan ghaliex se jservi biex jissahhu l-hiliet tekniċi tal-haddiema, minghajr ebda piż finanzjarju fuq il-kumpanija.

L-investiment bl-ghajnuna tal-Gvern li thabbar fid-29 ta' Ġunju li ghadda, hu pass importanti 'l quddiem l-aktar f'dak li ghandu x'jaqsam ma' tahriġ mill-ġdid li se jkun mandatorju. Dan se jwassal biex il-haddiema jżommu l-i*standards* ibsin li huma mandatorji mill-klijenti tal-ST, li jinkludu ismijiet kbar bhal Sony, Ford u AT&T.

Minbarra dan it-tahriġ fil-hiliet tekniċi, il-pakkett ta' ghajnuna mill-Gvern jinkludi wkoll titjib fir-riċerka u l-iżvilupp u ghajnuna biex jitharsu l-impjiegi skont il-parametri tal-UE.

Fil-bidu ta' din il-ġimgha l-impjegati tal-ST approvaw pakkett rivedut ta' miżuri wara xejn inqas minn 15-il laqgha li mat-ulhom il-*management* tal-kumpanija u uffiċjali tal-GWU spjegawlhom l-importanza li dawn il-miżuri jidhlu fis-sehh.

għal paġna 2

## Sinjali pożittivi fis-settur tal-proprjetà

Is-settur tal-proprjeta' jidher li beda jirkupra. Wara li kien intlaqat mill-kriżi ekonomika internazzjonali, ċifri ppubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika juru li fl-ewwel kwart ta' din is-sena żdied il-bejgh tal-proprjetà waqt li l-prezzijiet tal-proprjetà żdiedu bi ftit ghall-ewwel darba wara perjodu ta' 12-il xahar.

Matul l-2009, il-prezzijiet tal-proprjetà f'Malta dejjem kienu qed jonqsu minn xahar ghal iehor. L-ahhar darba li kien hemm żieda kien fl-ahhar tliet xhur tal-2008 – indikazzjoni li s-suq reġa' beda jistabbilizza.

L-istatistika turi li bejn Jannar u Marzu ta' din is-sena, il-prezzijiet żdiedu b'0.38% meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li ghaddiet.

Iż-żieda kienet dovuta ghal żieda fil-prezzijiet tal-appartamenti li żdiedu bi ftit aktar minn 2%. Min-naha l-ohra, l-indiċi tal-prezzijiet tal-*maisonettes* naqas b'0.22%.

Iċ-ċifri huma pożittivi wkoll f'dak li ghandu x'jaqsam mal-bejgh ta' proprjetà fil-gżejjer Maltin, b'żieda ta' kważi 4%.

Filwaqt fl-ewwel tliet xhur tas-sena t-transazzjonijiet fil-proprjetà żdiedu bi 3.93% meta mqabbel mal-ewwel kwart tal-2009, iż-żieda fil-bejgh tal-*maisonettes* hi ta' aktar minn 6% waqt li fil-bejgh ta' appartamenti kienet reġistrata żieda ta' 2.4%.

F'dan il-każ, il-bejgh tal-proprjetà kien diġà beda juri sinjali pożittivi fl-ahhar nofs tas-sena l-ohra. Iż-żieda fl-ewwel tliet xhur tal-2010 hi ferm akbar miż-żidiet reġistrati bejn Lulju u Diċembru tal-2009.



## Traġedja tal-ajru fil-Pakistan

Imutu 152 fit-tiġrif ta' Airbus barra Islamabad

Ara paġni 14, 15

## Waterpolo

Iċ-Champions Sliema lbieraħ kisbu rebħa oħra kbira fil-Kampjonat Nazzjonali BOV

Ara paġna 27



# Applikazzjonijiet għal għajnuna fuq pannelli fotovoltajċi fid-djar

L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi lbieraħ bdiet tilqa' applikazzjonijiet minghand dawk il-persuni li huma interessati li jinstallaw pannelli fotovoltajċi fid-dar taghhom. Fl-ewwel ġurnata dahlu 55 applikazzjoni.

L-Awtorità, permezz ta' fondi ġejjin mill-Fond Ewropew ghall-Iżvilupp Reġjonali, qed toffri ghotja ta' 50 fil-mija tal-ispejjeż eliġibbli sa massimu ta' €3,000 fuq ix-xiri tas-sistema.

L-applikazzjonijiet mhux qed jintlaqghu fuq bażi ta' *first come first served*, u se jibqghu jintlaqghu sa nhar it-Tlieta 10 ta' Awwissu fis-1pm.

Ghall-konvenjenza tal-pubbliku, l-uffiċċji tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi se jkunu miftuhin nhar ta' Tnejn u l-Ħamis mit-8am. sas-6pm, u nhar ta' Tlieta, l-Erbgha u l-Ġimgha bejn it-8am. u s-1pm.

L-applikazzjonijiet jistghu jittiehdu wkoll fl-uffiċċju tal-MEUSAC fi Triq Santa Marta, f'Victoria, Ghawdex bejn it-8am u n-12.30pm. L-applikazzjonijiet jistghu jintbaghtu wkoll bil-posta u jridu jaslu ghand l-Awtorità sat-Tlieta 10 ta' Awwissu fis-1pm.

L-applikazzjoni ghall-ghotja fuq ix-xiri ta' pannelli fotovoltajċi tista' titniżżel minn fuq il-websajt *www.mra.org.mt.* Mal-applikazzjoni ghandhom jintbaghtu d-dokumenti kollha mehtieġa, u li s-sistema proposta li tkun se tinxtara tkun reġistrata mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

Kull sistema fotovoltajka proposta, biex tkun eleġibbli ghal din l-ghajnuna ma tistax tkun installata qabel il-hruġ ta' ittra tal-offerta mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

Applikanti li rċevew ghojta ghal sistema fotovoltajka fis-snin 2008 u 2009 m'humiex eliġibbli ghal ghotja ohra mahruġa taht din l-iskema. Dawk l-applikanti li kienu tefghu l-applikazzjoni taghhom ghal ghotja fis-16 ta' Frar li ghadda jridu japplikaw mill-ġdid.

## Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp

minn paġna 1

Dan il-pakkett ta' mizuri kien kundizzjoni ewlenija biex il-kumpanija taghmel l-investiment taghha biex l-impjant tal-ST f'Malta jkun f'pożizzjoni li jibqa' vijabbli u jkompli jikkompeti.

It-tnaqqis fl-ispejjeż taxxoghol jolqot il-livelli kollha tal-kumpanija mhux biss il-haddiema, imma anke l-*management.*

Il-kumpanija ST tipproduċi mas-600 miljun *semiconductor* fis-sena u l-produzzjoni taghha tammonta ghal iktar minn 50% tal-esportazzjoni ta' Malta.

L-ST MicroElectronics ilha topera f'Malta mill-1981, u issa qed tahseb biex tkompli tiżviluppa f'setturi ġodda. Fost dawn hemm il-pjan li jibdew isiru applikazzjonijiet mediċi, f'settur li hu maghruf bhala MEMS.

Il-kumpanija ghandha l-aktar tekonoloġija avvanzata ghall-produzzjoni tal-apparat mikro-mekkaniku li mistenni joffri aktar opportunitajiet ghall-ST. Sal-2009 il-kumpanija kienet investiet $1.1 biljun fl-immodernizzar tal-impjant li ghandha f'Ħal Kirkop.

## Pass fl-aħjar direzzjoni

L-Assoċjazzjoni ta' Min Ihaddem (MEA) fi stqarrija qalet li l-ftehim li ntlahaq bejn it-tmexxija ta' *ST Microelectronics* u l-*General Workers' Union* (GWU) hu pass fl-ahjar direzzjoni u ghandu jwassal ghal aktar investiment li jghin biex jinżammu l-impjiegi eżistenti u biex jinholqu ohrajn ġodda kemm fi ħdan l-ST u wkoll f'kumpaniji ohrajn.

L-MEA sostniet li kemm il-haddiema kif ukoll il-*unions* sabu ruhhom b'ghażla diffikultuża, iżda fl-ahhar mill-ahhar il-haddiema ghażlu dik li kienet fl-ahjar interess taghhom u dik tal-kumpanija.

L-MEA saħqet li fi żminijiet ta' kompetittività globali b'sahhitha, wiehed ghandu jirrealizza li sabiex jimxi 'l quddiem ghandu jaghmel pass żghir lura.

Temmet li r-riżultat ta' dawn in-negozjati kienu r-riżultat ta' maturità mill-kumpanija, mill-*union* u mill-impjegati.

## Rata ta' mwiet

Matul is-sena li ghaddiet, kien hemm 3,221 mewt ta' residenti Maltin, tnaqqis żghir hafna fuq is-sena ta' qabel. Ir-rati tal-imwiet f'Malta jitqabblu tajjeb mal-15-il membru li ilhom hafna fl-Unjoni Ewropea u huma ferm inqas mill-medja tat-12-il stat membru ġdid tal-UE.

Ir-rati tal-imwiet f'Malta jitqabblu sew ma' pajjiżi ohrajn fl-Unjoni Ewropea, li ghandhom id-disa' l-anqas rata ta' mortalità meta mqabbla ma' pajjiżi ohrajn li jipprovdu taghrif lil Eurostat ghall-2008.



**TIFKIRA**

B'tifkira għażiża tat-tielet sena mill-mewt ta' Roderick Zahra, qatt minsi minn ommu Giorgina, missieru Joe, in-nanna Salvina, iz-zijiet u l-kuġini u sħabu tal-klabb tal-football u l-players ta' Valletta u min dawk li bbenefikaw mill-organi tiegħu.

Se ssir quddiesa fis-Santwarju ta' Santa Tereza, illum fid-29 ta' Lulju fis-6.30 ta' filgħaxija li għaliha huma mistiedna dawk kollha li kellhom lil Roderick għal qalbhom.

Għatih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.
Int dejjem f'moħħna u f'qalbna.
Ommok u Missierek

## Sejba ta' droga

Raġel ta' 31 sena mill-Gżira u żewġ tfajliet ta' 29 sena u ta' 22 sena kienu arrestati mill-Pulizija u mistennija jitressqu l-Qorti fil-jiem li ġejjin wara li fil-pussess taghhom instabet id-droga eroina u kokaina.

Is-sejba b'riżultat ta' investigazzjonijiet tal-Pulizija saret nhar it-Tnejn wara nofsinhar.

L-azzjoni tal-Pulizija b'rabta ma' din is-sejba saret wara li l-Pulizija waslitilha informazzjoni li x'aktarx kien qed isir traffikar ta' droga f'residenza fi Triq Ponsomby, il-Gżira.

Fit-tfittxija intensiva li ghamlet il-Puliizja, b'kollox instabu 32 pakkett bi droga, miżien elettroniku u oġġetti ohrajn relatati mat-traffikar ta' droga.

Il-Maġistrat tal-Ghassa Edwina Grima kienet infurmata bis-sejba u hatret diversi esperti biex jghinuha fl-inkjesta. L-istharriġ tal-Pulizija ghadu ghaddej.

## IT-TEMP

**IT-TEMP** il-biċċa l-kbira xemxi b'xi ftit sħab
**VIŻIBBILTÀ** tajba
**IR-RIĦ** ħafif mill-Punent għall-Majjistral
**BAĦAR** ħafif
**IMBATT** baxx mill-Majjistral
**TEMPERATURA** l-ogħla 28°C
**XITA** f'dawn l-aħħar 24 siegħa xejn
Xita mill-1 ta' Settembru 391.5 mm
**IX-XEMX** titla' fis-06.07 u tinżel fit-20.13

UV INDEX 9

### IL-ĦAMEST IJIEM LI ĠEJJIN

| IL-ĦAMIS | IL-ĠIMGĦA | IS-SIBT | IL-ĦADD | IT-TNEJN |
|---|---|---|---|---|
| L-ogħla 28°C | L-ogħla 29°C | L-ogħla 30°C | L-ogħla 30°C | L-ogħla 31°C |
| L-inqas 22°C | L-inqas 22°C | L-inqas 22°C | L-inqas 22°C | L-inqas 22°C |
| UV 9 | UV 9 | UV 8 | UV 9 | UV 10 |

### TEMPERATURI FI BLIET BARRANIN

Alġeri 32°C xemxi, Amsterdam 20°C xemxi, Ateni 32°C imsaħħab, Lisbona 34°C xemxi, Berlin 25°C ftit imsaħħab, Brussell 23°C imsaħħab, il-Kajr 33°C ftit imsaħħab, Dublin 18°C imsaħħab, Kopenħagen 23°C ftit imsaħħab, Frankfurt 20°C imsaħħab, Milan 28°C xemxi, Istanbul 28°C ftit imsaħħab, Londra 23°C xemxi, Malta 27°C xemxi, Madrid 34°C xemxi, Moska 37°C xemxi, Pariġi 26°C ftit imsaħħab, Barċellona 29°C xemxi, Ruma 27°C xemxi, Tel Aviv 30°C ftit imsaħħab, Tripli 33°C xemxi, Tuneż 31°C ftit imsaħħab, Vjenna 23°C imsaħħab, Zurich 16°C xita, Munich 19°C xita, Stockholm 23°C ftimsaħħab, St. Petersburg 34°C imsaħħab.

www.eurotours.com.mt
EuroTours

## Super 5

In-numri tas-Super 5 li telghu lbieraħ huma: 11, 26, 20, 13, 23. Ħadd ma qata' l-hames numri. 63 qatghu erba' numri u rebhu €743.28 kull wiehed filwaqt li 1,984 qatghu tliet numri u rebhu €2754. It-tlugh li jmiss se jkun mhux inqas minn €225,000.



L-istrumenti nħolqu fost l-oħrajn minn tankijiet mormija, fliexken tal-ħġieġ u bottijiet tal-landa. Fl-attività fil-bajja ta' Golden Bay ħadu sehem madwar 40 tifel u tifla (Ritratt: Michael Ellul)

# Mużika għat-tfal minn skart riċiklat f'xatt il-baħar

Tfal ta' bejn is-6 u t-12-il sena hadu sehem f'lezzjoni tal-mużika mhux tas-soltu fil-bajja ta' Golden Bay. Żewġ mużiċisti ghallmuhom kif jipproduċu l-mużika minn skart riċiklat.

Din kienet wahda mill-attivitajiet ghat-tfal organizzata mill-Awtorità Maltija ghat-turiżmu (MTA) kull nhar ta' Erbgha f'xatt il-bahar b'ghan rikreattiv u edukattiv.

Is-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu Mario de Marco li żar l-attività, qal li din qed issir biex il-bajja tilhaq il-livelli ghaċ-ċertifikazzjoni *Blue Flag* – biex dawk li jżuruha jgawdu l-bahar waqt li jserrhu mohhhom, fost l-ohrajn, li l-ilma hu ta' kwalità tajba u li se jsibu s-servizzi mehtiega fuq il-bajja.

Mario de Marco habbar li fil-bajjiet bir-ramel se jibda jintuża forma ta' *wheelchair* ghal persuni b'diżabbiltà biex ikunu jistghu jilhqu l-bahar.

Apparti l-immaniġġjar fuq ir-ramel, din is-sena l-MTA bdiet ukoll esperiment tal-immaniġġjar ta' bajjiet tal-blat. L-iskop ahhari hu li kull bajja tilhaq l-oghla livell stabbilit mill-kriterji tal-*Blue Flag International.*

S'issa Malta ghandha żewġ bajjiet li huma *Blue Flag* – dik ta' San Ġorġ u *Buġibba Perched Beach* u tliet bajjiet ohra li hadu l-*Beach of Quality Award* li huma l-Ghadira, *Golden Bay* u r-Ramla l-Hamra.

Il-*Beach of Quality Award* jirrikonoxxi li qed isir titjib fuq il-bajja iżda li jkun ghad baqa' xi jsir biex il-bajja tilhaq il-livelli ta' *Blue Flag.*

Josef Formosa Gauci, il-Kap Eżekuttiv tal-MTA, qal li sar investiment ta' nofs miljun ewro biex il-bajjiet ta' Fond Ghadir f'Tas-Sliema, u Fra Ben fil-Qawra, isiru aktar aċċessibbli.

Dwar l-attività f'Golden Bay, il-kompożitur Reuben Pace, u Daniel Cauchi, perkussjonista mal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, fissru li din l-attività ghandha sservi biex it-tfal jinteressaw iktar ruhhom fil-mużika filwaqt li jirrispettaw l-ambjent.

# Kampanja dwar il-ħsara mir-raġġi tax-xemx

## Naqsu l-imwiet mill-kanċer tal-ġilda

Matul l-ahħar snin l-imwiet mill-Melanoma, jew ahjar mill-kanċer tal-ġilda, naqsu u dan minhabba li aktar nies qed jaghmlu testijiet u b'hekk il-marda qed tinqabad kmieni. Il-kampanji li qed isiru biex min ikollu xi dubju jaghmel it-testijiet, qed twassal biex il-marda qed tinqabad kmieni u b'hekk iċ-ċansijiet ta' fejqan huma hafna ahjar.

It-Tabib Lawrence Scerri, il-Kap tat-Taqsima tad-Dermatoloġija fl-Isptar Boffa, qal dan waqt it-tnedija ta' kampanja ohra dwar il-hsara mir-raġġi tax-xemx organizzata mid-Dipartiment ghall-Promozzjoni tas-Sahha u l-Prevenzjoni tal-Mard.

Attendew ukoll id-Deputat Nazzjonalista Peter Micallef, Assistant Parlamentari fil-Ministeru tas-Sahha, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità, u diversi *scouts* tal-Ħamrun.

Peter Micallef qal li meta wiehed jesponi ruhu ghal hafna xemx ikun qed jaghmel hsara kbira lill-ġilda kif ukoll lil l-ghajnejn. Appella biex wiehed jevita x-xemx diretta bejn il-11am u l-4pm, juża kappell jew beritta u anke jilbes nuċċali tax-xemx.

Charmaine Gauci, il-Kap tad-Dipartiment ghall-Promozzjoni tas-Sahha u l-Prevenzjoni tal-Mard, qalet li hemm tliet tipi ta' radjazzjoni mir-raġġi tax-xemx ultra vjola li lkoll jaghmlu hsara lill-ġilda li titkemmex u tixjieh qabel iż-żmien.

Bhala parti mill-kampanja biex wiehed jipproteġi ruhu mix-xemx id-Dipartiment ghall-Promozzjoni tas-Sahha u l-Prevenzjoni tal-Mard bil-ghajnuna tal-kumpanija *Uriage,* qed jitqassmu *bookmarks* u anke krema lill-pubbliku biex titqajjem kuxjenza dwar il-hsara mix-xemx żejda.

It-Tabib Lawrence Scerri qal li l-kampanja hi mmirata b'mod partikulari lejn it-tfal u ż-żghażagh minhabba li hu aktar diffiċli li titbiddel il-mentalità fost il-kbar. Hu qal li matul l-ahhar 30 sena, il-każi ta' Melanoma fost il-popolazzjoni bajda baqghet tiżdied b'mod konsistenti.



# Ċiniż jitlob li jibqa' jgħix Malta

Ċiniż li jmexxi ristorant f'Wied il-Għajn ippreżenta protest fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili wara li kien infurmat li kien revokat il-permess tiegħu li jibqa' jgħix Malta.

Hu qed isostni li kontra l-liġi ngħata ultimatum biex sal-Ġimgħa 30 ta' Lulju jħalli l-gżejjer Maltin.

Hou Wen Tao qal li per-mess li kellu mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC) kien revokat mingħajr ebda bażi u li minħabba f'hekk, hu se jgħaddi minn tbatija żejda bla bżonn.

Hu sid tar-ristorant Golden Dragon, u ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar snin. Fil-protest li għamel fil-konfront taċ-*Chairperson* tal-ETC, u d-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* hu qal li mhux sew li għax darba ħaddem kok bla permess u li ta' dan ammetta fil-Qorti u kien immultat, jispiċċa biex jitlef il-permess li jopera ristorant u sussegwentement li jibqa' Malta.

Fil-protest li għamel Tao, qal li kien ingħata wkoll il-permess magħruf bħala AIP permit, biex ikun jista' jakkwista b'xiri proprjetà immobbli fejn wara li nħareġ il-permess xtara dar f'H'Attard u li fiha għadu jgħix illum.

Huwa qal ukoll li kiseb diversi permessi tax-xogħol li jagħtuh il-fakultà li jmexxi dan in-negozju f'Malta. Qal li l-problemi bdew meta f'Diċembru li għadda, wara spezzjoni mill-Kap tal-Infurzar fi ħdan l-ETC flimkien ma' tmien uffiċjali oħrajn f'ħanut f'Birkirkara, kienet arrestata mara Ċiniża li kienet qed tuża l-kompjuter f'ħanut magħluq u mhux attrezzat għall-klijenti.

Wara li sar proċess fil-konfront tagħha, din il-mara ġiet liberata u telqet minn jedda lejn iċ-Ċina. Minn hemm 'il quddiem, qal li bdew sensiela ta' *raids* fuq bażi regolari f'kull post li għandu f'Malta. Dawn l-ispezzjonijiet kienu qegħdin isiru fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa, iżda qatt ma nstab xejn irregolari.

Kien wara dawn is-sensiela ta' *raids* li nstab il-kok Ċiniż f'*take away* f'H'Attard, fejn ma kellux passaport fil-pusses tiegħu. Ġranet wara din is-sentenza, Hou Wen Tao irċieva ittra mill-Kap Eżekuttiv tal-ETC fejn infurmah li l-permess kien ġie revokat.

Ftit wara rċieva ittra oħra mid-Dipartiment tax-Xogħol u Taħriġ u d-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, fejn kien infurmat li l-permess li joqgħod f'Malta kien se jibqa' validu biss sat-30 ta' Lulju li ġej.

Tao qal li hu qatt ma xellef difrejh mal-ġustizzja kemm ilu residenti f'Malta, u l-każi fejn persuna timpjega persuna bla permess huma dejjem ikkunsidrati bħala sempliċiment kontravenzjonijiet.

Qal li fil-konfront tiegħu qiegħed jittieħed atteġġjament aktar aħrax. Il-protest kien iffirmat mill-Avukat David Gatt.

# L-Ambaxxaturi Maltin f'laqgħa ta' tlett ijiem

■ Imħeġġa jkomplu jaħdmu biex jattiraw iktar investiment lejn Malta u jsaħħu l-politika barranija ta' pajjiżna

It-28 Ambaxxatur Malti li jservu lil pajjiżna barra minn Malta qed jiltaqgħu f'konferenza ta' tlett ijiem. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin Tonio Borg appella lill-Ambaxxaturi Maltin biex ikomplu jaħdmu biex jattiraw aktar investiment lejn Malta.

Din hi t-tielet darba f'din il-leġislatura li l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin qed ilaqqa' lill-Ambaxxaturi u l-ogħla uffiċjali tal-Ministeru. F'dawn il-laqgħat ikun diskuss l-operat tal-Ministeru u l-Ambaxxati. Dan biex tiġi aġġornata l-ħidma diplomatika, politika u ekonomika li titwettaq barra minn Malta.

Il-Viċi Prim Ministru Tonio Borg faħħar il-ħidma tal-Ambaxxaturi Maltin u sostna li pajjiżna qed jakkwista riżultati tajbin bil-ħidma diplomatika tagħhom. Fosthom irrefera għas-suċċess fl-akkwist tal-Uffiċċju Ewropew għas-Sostenn dwar l-Ażil li Malta rnexxielha takkwista d-dritt li tospitah. Malta akkwistat ukoll id-dritt li jkollha Deputat Segretarju Ġenerali Malti fl-Unjoni tal-Mediterran.

Il-Viċi Prim Ministru irrikonoxxa l-ħidma li wettqu l-Ambaxxati Maltin barra minn Malta li b'koordinazzjoni flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja, u taħt id-direzzjoni u t-tmexxija tar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea Richard Cachia Caruana, pajjiżna rnexxielu jġib dan ir-riżultat. Fl-istess waqt, Tonio Borg fakkar fl-akkwist l-ieħor li għamlet Malta fl-aħħar sentejn bil-ftuħ tal-Uffiċċju Konġunt bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Lega Għarbija f'Malta.

Matul dawn it-tlett ijiem il-laqgħat se jiffukaw fuq diversi

> **Matul din il-leġislatura saru 99 ftehim ma' pajjiżi varji u madwar 750 persuna fin-negozju għamlu kuntatt mal-Ambaxxati Maltin fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena**

elementi, b'enfasi speċjali fuq ir-relazzjonijiet bilaterali mhux biss mal-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea, iżda wkoll ma' pajjiżi oħra fosthom dawk tal-Mediterran.

Tonio Borg elenka numru ta' żjarat li hu wettaq li fi kliemu qed itejbu r-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi ma' dawn il-pajjiżi. Fakkar ukoll fl-importanza li Malta tkun dejjem iktar preżenti u parteċipi fil-fora multilaterali fosthom in-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa.

Dwar il-Mediterran, il-Viċi Prim Ministru qal li Malta għandha viżjoni importanti f'dan il-qasam. Sostna li pajjiżna kien dejjem preżenti fil-ħolqien tal-istrutturi kollha Mediterranji.

B'riferenza għaż-żjarat fl-aħħar sena fl-Eġittu, fil-Libja u fit-Tuneżija, qed tkompli tinbena r-relazzjonijiet bilaterali u tissaħħaħ dejjem iktar dik fi ħdan il-grupp tal-5+5 u r-relazzjonijiet fi ħdan l-Unjoni tal-Mediterran.

Malta qed takkwista riżultati tajbin b'dawn iż-żjarat tant li t-Tuneżija, l-Italja u l-Libja qed isostnu lil Malta biex tospita s-*summit* tal-Kapijiet tal-Istat u Gvern tal-5+5 f'Malta s-sena d-dieħla.

Din il-konferenza li tiġi fi tmiemha għada l-Ġimgħa, se tkun qed tindirizza id-diplomazija ekonomika, speċjalment fejn jidħol l-investiment dirett barranin. Il-Malta Enterprise se tindirizza lill-Ambaxxaturi fuq dan is-suġġett.

Fl-ewwel 28 xahar ta' din il-leġislatura, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin iffirma 99 ftehim ma' pajjiżi varji. Madwar 750 persuna fin-negozju għamlu kuntatt mal-Ambaxxati Maltin fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena.


## Energy allowance lill-familji

### 97% tal-familji

qed jirċievu energy allowance jew energy voucher. Bħalissa qed jitqassmu ċ-ċekkijiet tal-energy allowance, lill-familji li ma kkunsmawx aktar minn 10,000 unit ta' elettriku u li ma jirċevux energy voucher.

| Daqs tal-Familja | Allowance b'ċekk li ser jirċievu l-familji |
|---|---|
| Persuna waħda | €55 |
| 2 Persuni | €80 |
| 3 Persuni | €105 |
| 4 Persuni | €130 |
| 5 Persuni | €155 |
| 6 Persuni | €180 |

Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment

Għal aktar informazzjoni, ċempel 188 mit-Tnejn sal-Ħadd 8.00am – 5.00pm.

# Kors ġdid fl-Accounting u l-Finanzi għall-ħaddiema fis-settur pubbliku

Il-Gvern u l-Università ta' Malta ffirmaw ftehim li permezz tiegħu ħaddiema taċ-Ċivil jistgħu joqogħdu għal kors li jwassalhom għal *Higher Diploma* fil-*Public Accounting* u l-Finanzi.

Il-ftehim kien iffirmat bejn Juanito Camilleri, ir-Rettur tal-Università; Godwin Grima, is-Segretarju Permanenti Prinċipali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru; u Alfred Camilleri, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment.

Dan il-kors, li se jibda jkun offrut mis-sena akkademika li jmiss, hu maħsub biex itejjeb jew jgħolli l-livell tal-ħaddiema taċ-Ċivil fil-qasam tal-professjonali kontinwu tal-uffiċjali pubbliċi kif ukoll fit-twettiq tal-Att tal-Amministrazzjoni Pubblika, li jagħti importanza kbira fuq użu effiċjenti tar-riżorsi.

Dan il-pass se jkun qed jgħin biex jissaħħu d-Direttorati responsabbli mill-ippjanar tal-finanzi u l-*management.*

Permezz taċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ, qed jittieħdu wkoll numru ta' inizjattivi oħrajn f'setturi oħra fl-*HR Management* u f'oqsma oħrajn.

Sar investiment ukoll f'kumpless fil-Furjana li se jkun qed jiġbor fih il-faċilitajiet ta' taħriġ ta' dan iċ-Ċentru. Dan l-investiment qed jirrappreżenta l-impenn lejn il-ħaddiema fi ħdan is-servizz pubbliku u l-Finanzi u l-*Accountancy.*

> **45 uffiċjal pubbliku ntgħażlu biex joqogħdu għal dan il-kors li se jsarraf f'servizz aħjar għall-pubbliku u għall-ekonomija**

Ir-Rettur tal-Università qal li l-ftehim hu frott il-kollaborazzjoni ħajja bejn l-Università u ċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Dan hu messaġġ ċar, sostna r-Rettur, li l-Università qiegħda hemm biex isservi, fost oħrajn, lill-amministrazzjoni tal-pajjiż biex taqdi l-esiġenzi tagħha.

Godwin Grima fisser li b'kollox, 45 uffiċjal pubbliku ntgħażlu biex joqogħdu għal dan il-kors, u wara li jtemmuh jistgħu jkunu eliġibbli għall-pożizzjoni ta' *managers.*

Il-kors hu inizjattiva oħra li għandha ssarraf f'servizz aħjar għall-pubbliku u għall-ekonomija b'mod ġenerali.

Il-kors hu intenzjonat biex ikun hemm żvilupp fl-immaniġġjar tal-finanzi fis-servizz pubbliku.

L-inizjattiva hi wkoll konsistenti mal-iżvilupp iżvilupp kontinwu tagħhom.

Peter Baldacchino, Kap tad-Dipartiment tal-*Accountancy* fl-Università, ta spjegazzjoni dwar il-qafas ta' dan il-kors u spjega li dan hu l-ewwel kors ta' din ix-xorta li qed ikun organizzat mid-Dipartiment tal-*Accountancy* fl-Università ta' Malta.

Min jirnexxilu jtemm dan il-kors, ma jingħatax il-*warrant* ta' *Accountant* iżda għandu l-possibbiltà li jkompli bl-istudji tiegħu sal-livell ta' *Masters.*

Sabiex tnieda dan il-kors kien hemm il-ħidma u l-kollaborazzjoni ta' Godfrey Pirotta, Direttur tal-*Institute of Public Administration and Management*; u Josette Caruana mill-Università ta' Malta.

Philip von Brockdorff, Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ, kien il-kuntatt ewlieni bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Università.

# Apparat state of the art fil-laboratorji tal-Gvern

Il-*Union* tal-Għalliema (MUT) iddeskriviet l-apparat ġdid fil-laboratorji ġodda fi skejjel sekondarji bħala *state of the art.*

Waqt żjara li għamlu diversi uffiċjali tal-*Union* fl-Iskola Sekondarja ta' Santa Luċija, il-President tal-Union John Bencini, il-Viċi-President Kevin Bonello u s-Segretarju Ġenerali Franklin Barbara, raw ix-xogħol ta' ristrutturar u aġġornament li qed isir b'investiment ta' €1.5 miljun, li parti sostanzjali minnu qed ikun iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

L-MUT ddeskriviet dan it-tagħmir bħala wieħed mill-aktar modern u li jħajjar aktar studenti jistudjaw suġġetti xjentifiċi, qasam vitali għall-iżvilupp tal-ekonomija Maltija.

Il-*Union* apprezzat dak li sejħet bħala l-isforzi kbar li qed jagħmel il-Gvern f'dan il-qasam tant importanti, fid-dawl ukoll tal-isfidi li l-pajjiż għandu quddiemu fir-riformi fl-edukazzjoni.

# Kundannat is-serq ta' annimali

Il-*Union* tal-Għalliema (MUT) ikkundannat bla riservi lil min wettaq l-att kodard u seraq annimali tant bżonnjuzi għat-terapija ta' tfal bi bżonnijiet speċjali.

Il-*Union* esprimiet solidarjetà mar-Razzett tal-Ħbiberija f'dan il-mument, u appellat biex isiru l-isforzi kollha ħalli dawn l-annimali jerġgħu jinstabu. Appellat ukoll li min kien responsabbli ta' dan l-att viljakk għandu jitressaq il-Qorti bla dewmien.

Il-MUT appellat lill-membri kollha biex ma joqogħdux lura u jkunu ta' għajnuna għall-Inspire, u ħabbret li se tiftaħ fond monetarju biex tgħin lill-Fondazzjoni Inspire hekk kif ħeġġet lill-membri kollha biex jgħinu fil-ġbir ta' fondi.

Min jixtieq jgħin f'dan l-iskop nobbli għandu jidħol fil-*website* tal-*Union* fuq *www.mut.org.mt.*



# Timbri speċjali

Fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt ta' Michelangelo Merisi da Caravaggio, il-kumpanija *MaltaPost p.l.c.* ħabbret li se toħroġ tliet timbri speċjali tal-idejn.

It-timbri speċjali huma: MaltaPost, Philatelic Bureau, Caravaggio 1610-2010, 30 ta' Lulju 2010; MaltaPost, Pjazza Kastilja, il-Belt, Caravaggio 1610-2010, 30 ta' Lulju 2010; u MaltaPost, Victoria, Għawdex, Caravaggio 1610-2010, 30 ta' Lulju 2010.

Dawn it-timbri speċjali se jkunu qed jintużaw fil-fergħa ta' Kastilja u mill-fergħa tar-Rabat Għawdex. It-timbri speċjali tal-idejn jistgħu jkunu ordnati permezz tal-posta mill-Uffiċċju Filateliku, MaltaPost p.l.c. fil-Marsa, permezz tat-telefon fuq 25961747 jew bl-indirizz elettroniku: *philately@maltapost.com.*

KOSTA AMALFITANA

EuroTours

Malta
Mountbatten Street, Ħamrun
Gozo
26, Republic Street, Victoria
email:
info@eurotours.com.mt
Telephones:
25965555
21223295
21233193
Gozo Office:
21564452

16 – 23 ta' Awwissu,
23 – 30 ta' Awwissu,
30 ta' Awwissu – 06 ta' Settembru,
20 – 27 ta' Settembru

€890

- Titjira mal-Air Malta għal Napli bit-taxxi inklużi
- Trasferimenti kollha
- Akkomodazzjoni tripla għal 7 ljieli f'lukanda 4 star f'Sorrento half board
- L-eskursjonijiet kollha u entraturi
- Servizz ta' tour leader

www.eurotours.com.

IL-GREĊJA

## Grupp ta' gwerrillieri urbani jhedded it-turiżmu

Grupp ta' gwerrillieri urbani Griegi ħareġ ċirkolari fejn qed jhedded li jżid l-attakki u "jħarbat l-istaġun tat-turisti" – bil-Pulizija li għaddejja bl-investigazzjonijiet relattati temmen li l-istqarrija hi waħda awtentika.

Il-moviment *Rebel Sect* ammetta wkoll li wettaq l-ewwel qtil ta' ġurnalista fil-Greċja għal għexieren ta' snin, bl-istqarrija partikolari tkun ippubblikata fil-ħarġa tal-bieraħ tal-gazzetta taċ-ċentru-xellug *Ta Nea.*

Il-ġurnalista Sokratis Giolias, li kien jikteb għal *blog* tal-aħbarijiet popolari, kien inqatel b'tiri ta' arma barra daru fid-19 ta' Lulju li għadda.

Ir-*Rebel Sect* anki assuma responsabbiltà għall-qtil ta' pulizija Grieg għal kontra t-terroriżmu li kien seħħ f'Ateni s-sena l-oħra.

Intant, dan il-grupp issa beħsiebu jattakka "aktar pulizija, ġurnalisti u uffiċjali tal-ħabs", bl-istqarrija tal-gwerrilliera tkompli li "t-turisti għandhom ikunu jafu li l-Greċja m'għadhiex tgawdi s-sigurtà bħala ċentru għall-kapitaliżmu u li l-gwerrillieri beħsiebhom jibdlu l-pajjiż f'zona ta' gwerra ddominata mill-proċessi rivoluzzjonarji".

F'dan il-punt taċ-ċirkolari jispikkaw it-theddid ta' "sabutaġġ, attakki bil-bombi u missjonijiet ta' nies armati bil-ħsieb li joqtlu".

Intant, filwaqt li r-*Rebel Sect* jisħaq li jinsab fi gwerra mad-demokrazija fil-Greċja, il-gwerrillieri jridu jagħmluha ċara li m'għandhomx iwettqu qtil b'mod indiskriminattiv filwaqt li ma heddewx attakki speċifiċi fuq it-turisti infushom.




IL-PAKISTAN

# Imutu 152 f'tiġrif ta' ajruplan tal-passiġġieri

Ajruplan tal-passiġġieri Pakistani ġġarraf, waqt maltemp, fil-limiti ta' Islamabad bil-konsegwenza li mietu l-152 persuni abbord.

L-inċident qed jissemma bħala l-agħar wieħed tal-avjazzjoni fil-Pakistan, fost konferma li hemm Amerikani fost il-mejtin u bl-iskwadri għall-emerġenza jdumu s-sigħat jirkupraw il-fdalijiet tal-vittmi mit-tifrik.

L-ajruplan tat-tip *Airbus 321*, proprjetà tal-linja tal-ajru privata *Airblue*, iġġarraf qalb foresta fuq għolja u f'territorju fejn l-aċċess mill-art hu problematiku għall-aħħar.

U waqt li sal-bieraħ laħqu ġew irkuprati mad-disgħin katavru, il-maltemp u x-xita li qed tinżel fiz-zona jidhru li qed ifixklu l-isforzi tal-iskwadri għall-emerġenza fl-inħawi.

Il-maltemp hu tant li spiċċa sospiż l-impenn mill-ajru li jinvolvi l-helicopters, għall-irkuprar tal-vittmi tal-ajruplan, bl-awtoritajiet jistennew li se jdumu sakemm ilestu l-ħidma diffiċli.

Membri tal-iskwadri qalu li kellhom jużaw idejhom biss biex ineħħu t-tifrik tal-*Airbus* u l-art maqlugħa bl-iskop li jsibu aktar vittmi.

Fl-istess ħin, in-nirien u d-dħaħen kontinwi fl-inħawi qed joħolqu l-intoppi, bl-awtoritajiet jammettu li ftit li xejn instabu katavri intatti, bl-impatt tat-tiġrif jiġi mfisser bħala terribbli.

L-*Airbus* li kien qed iġorr 146 passiġġiera u ekwipaġġ ta' sitta, tilef il-kuntatt mal-kontrolluri tal-Ajruport Internazzjonali ta' Islambad kmieni lbieraħ filgħodu.

Jidher ukoll li l-pilota kien ingħata struzzjonijiet biex jinżel f'wieħed miż-żewġ mitjar tal-ajruport iżda hemm l-aspetti vagi u li fihom tista' tinstab spjegazzjoni għat-traġedja.

Uħud qed jgħidu li jekk il-viżibbiltà fl-inħawi tal-mitjar kienet daqstant ħażina, il-pilota tal-ajruplan messu ngħata direttivi biex jinżel xi mkien ieħor.

Sadattant, il-Ministru Pakistani għad-Difiża Ahmed Mukhatar qal li ngħalqet it-torri tal-kontroll fl-ajruport inkwistjoni bl-investigazzjonijiet għadhom pendenti.

Hu minnu wkoll li esperti għandhom jeżaminaw il-kaxxa s-sewda tal-ajruplan imġarraf flimkien mal-aħħar kollegamenti bir-radju bejn il-pilota u t-torri tal-kontroll f'Islamabad.

Is-sit tat-tiġrif jinsab proprju fl-inħawi tal-Għoljiet ta' Margalla li jiffaċċjaw il-belt ta' Islamabad u l-militar Pakistani lbieraħ sostna li bagħat xi ħelikopters u truppi lejn is-sit.

Min-naħa tiegħu, il-Prim Ministru Pakistani Yusuf Raza Gilani tela' fuq ajruplan biex isegwa l-irkuprar tal-vittmi, bil-Gvern tiegħu jiddikjara l-ġurnata tal-lum bħala jum ta' luttu nazzjonali.

L-aħħar kummenti tal-awtoritajiet Pakistani, il-bieraħ, kienu li "għaddejjin bl-investigazzjonijiet relevanti" u li "għadu kmieni wisq biex jispekulaw dwar il-kaġun tal-inċident".




Ħaddiema tal-emerġenza jfittxu fis-sit fejn niżel l-ajruplan fil-limiti ta' Islamabad. Fir-ritratt ta' taħt jidher filmat bil-video tat-tifrik tal-Airbus qalb foresta (Reuters)






SPANJA

## Deċiżjoni storika biex jipprojbixxu l-ġlied tal-barrin

Id-deputati parlamentari f'Katalonja pprovdew "id-daqqa tal-mewt" lill-ġlied tal-barrin – bid-deċiżjoni, għall-ewwel darba, tagħlaq kapitlu fuq dan l-isport tradizzjonali mdemmi f'reġjun ta' Spanja.

Il-verdett – bi 68 deputat jivvutaw favur u 55 kontra – kien mistenni peress li l-Parlament f'Katalonja, f'Diċembru, kien aċċetta (permezz ta' vot preliminari) il-petizzjoni taċ-ċittadini biex jieqaf il-ġlied tal-barrin fuq il-bażi li dan jikkostitwixxi krudeltà mal-annimali.

Fid-dibattitu relatat, numru ta' deputati sostnew li naqset il-popolarità ta' dan l-isport fi Spanja, fejn anqas nies, kull sena, qed jattendu l-ispettaklu tat-*torero* fl-areni.

Josep Rull, Deputat Parlamentari mal-Partit CiU (Nazzjonalista) ta' Katalonja, spjega li xi tradizzjonijiet ma jistgħux jibqgħu ffriżati, minkejja l-milja tas-snin, u bis-soċjetà qed tinbidel il-ħin kollu.

Rull enfasizza "d-dmir li jitwarrbu l-affarijiet degradanti", bl-attivisti favur l-annimali jiksbu rebħa sinifikanti kontra dawk li jqisu l-ġlied tal-barrin bħala 'furċina' tal-kultura Spanjola li ilha tiġbed il-folol għal sekli.

L-istess attivisti huma impenjati biex din il-projbizzjoni f'Katalonja tapplika wkoll fi bnadi oħra ta' Spanja.

Intant, hu minnu li l-gruppi *anti-bullfighting'*'kien irnexxielhom jiġbru l-firem ta' xi 180,000 resident f'Katalonja; biex iġiegħlu l-Parlament tar-reġjun jidħol għall-vot speċifiku.

Skont il-kriterji tal-projbizzjoni, li tidħol fis-seħħ fl-2012, l-aħħar arena għall-ġlied tal-barrin f'Barċellona, il-kapitali ta' Katalonja, għandha tagħlaq, l-istess bħall-oħrajn fl-inħawi rispettivi tar-reġjun.

Mill-banda l-oħra, kien hemm anki xi deputati li semmew il-kriżi ekonomika ta' Spanja (li qed toħroġ b'diffikultà minn riċessjoni profonda) bħala "raġuni biex ma jeliminawx" it-tradizzjoni tal-*bullfights.*

■ Fl-1991, il-ġlied tal-barrin "bir-ritwali kollha tradizzjonali" – fejn it-*torero* u n-nies ta' miegħu jirrikorru, fost oħrajn, għal-lanez biex idgħajfu lill-barri u bit-*torero*, imbagħad, juża x-xabla fil-mument tal-qtil –– kien iddikjarat illegali fil-Gżejjer Kanarji Spanjoli.



Konfront bejn torero u barri fl-arena ta' Puerto de Santa Maria fin-Nofsinar ta' Spanja... Attivisti issa jridu li l-projbizzjoni ta' dawn l-ispettakli tibda tapplika wkoll lil hinn minn Katalonja (Reuters)

IĊ-ĊINA

## L-għargħar imexxi kimiċi għal ġo xmara

L-għargħar fil-Grigal taċ-Ċina qaleb 'il fuq minn elf barmil, b'kimika li faċiliment tiġġenera splużjoni, għal ġox-Xmara ta' Songhua, fil-Belt ta' Jilin u fil-provinċja li ġġib l-istess isem.

Sadattant, rapporti qalu li ċ-ċifra tal-mejtin mill-inċidenzi tal-għargħar 'nazzjonali' għal din is-sena avviċinat l-elf, b'ħaddiema għall-emerġenzi fil-preżent qed jippruvaw jirkupraw il-bramel perikolużi.

Fl-istess ħin, awtoritajiet għall-protezzjoni tal-ambjent qed isegwu l-kwalità tal-ilma fix-xmara inkwistjoni.

Hu mifhum ukoll li l-bramel li kienu qed jinżammu f'impjant tal-kimika meta ġarrhom l-għargħar, kellhom iktar minn 160,000 kilogramma kimiċi fil-forma ta' likwidu; bil-potenzjal ta' splużjoni tkun indikata bħala sostanzjali sal-ħin li morna għall-istampa.



# Maradona jispiċċa minn kowċ tal-Arġentina

## Vot unanimu biex ma jiġġeddidlux il-kuntratt

Il-perjodu mqalleb li kellu Diego Maradona bħala kowċ nazzjonali tal-Arġentina ntemm meta l-FA Arġentina (AFA) ivvutat b'mod unanimu biex ma jerġax jiġġedded il-kuntratt li kellu.

Il-futur ta' Maradona kien fid-dubju sa mit-telfa 4-0 kontra l-Ġermanja fil-kwarti tal-finali tat-Tazza tad-Dinja fl-Afrika t'Isfel, anqas minn sentejn minn meta kien ingħata l-kariga li jmexxi lit-team.

"Kien hemm bżonn li jkun hemm bidla fost l-istaff tekniku ta' Diego u ma stajniex nilħqu kompromess," qal il-President tal-AFA Julio Grondona. "Ħadd m'hu qed jitkeċċa. Dan sempliċiment kien hemm kuntratt li mhux qed jiġi mġedded għax m'hemmx il-kundizzjonijiet ideali biex isir."

Ernesto Cherquis Bialo, kelliem għall-AFA qal, "Il-Kumitat Eżekuttiv għażel unanimament li ma jġeddidx il-kuntratt ta' Diego Armando Maradona bħala kowċ nazzjonali".

Hu stqarr li kien hemm 'differenzi kbar' ma' Maradona li mexxa lill-Arġentina lejn ir-rebħ tat-titlu mondjali bħala captain fl-1986 u hu adorat fl-Arġentina.

L-eliminazzjoni bikrija u mhux mistennija tat-tim mit-tournament fl-Afrika t'Isfel, waslet wara kwalifikazzjoni mqallba imma, minkejja dan, l-eks player xorta ngħata merħba ta' eroj lura pajjiżu meta l-iskwadra rritornat l-Arġentina u l-President Cristina Fernandez ħeġġitu biex jibqa'.

Kienu bosta l-partitarji li nġabru quddiem il-kwartieri tal-AFA wara li ħarġet l-aħbar.

Qabel din il-laqgħa kien hemm xnigħat kbar li Maradona ma kienx se jibqa' bħala kowċ, kariga li ilu jokkupa minn Novembru 2008, minħabba li deher li ma kienx hemm ftehim mal-AFA dwar min għandhom ikunu l-membri l-oħra tal-istaff tekniku.

Maradona li għandu 49 sena, l-Ħadd qal li hu xtaq jibqa' imma biss jekk ikollu kontroll assolut dwar l-għażla tal-assistenti tiegħu.

Maradona kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa players fid-dinja fis-snin 80 imma kellu jikkumbatti l-vizzju tad-droga, hxuna żejda u kien ukoll alkoholiku għal żmien twil sa minn meta rtira mil-logħba fis-snin 90.

Dan għamel ir-ritorn tiegħu bħala kowċ nazzjonali, kisba personali enormi, speċjalment li ftit kellu esperjenza bħala kowċ.

Hu kellu perjodu mqalleb mal-Arġentina anke jekk ir-rebħiet konvinċenti tat-tim fl-ewwel fażi tal-gruppi poġġewh bħala wieħed mill-favoriti għar-rebħa finali.

It-tneħħija ta' Maradona tfisser li l-Arġentina issa trid issib kowċ ġdid għat-turnament reġjonali tal-Copa America li se jsir is-sena d-dieħla.

Il-media lokali qalet li l-eks kowċ ta' Boca Juniors, Carlos Bianchi li mexxa lill-klabb ta' Buenos Aires lejn serje ta' titli nazzjonali u kontinentali fiż-żewġ perjodi li għamel magħhom fl-1998 u l-2004, kien wieħed mill-aktar favoriti.

Fost ismijiet oħra li qed jissemmew bħala suċċessuri ta' Maradona hemm il-kowċ ta' Estudiantes Alex Sabella, l-eks kowċ ta' Independiente Americo Gallego, l-eks kowċ nazzjonali tal-Arġentina Marcelo Bielsa u l-eks player ta' River Plate, Inter u l-Arġentina, Ramon Diaz.



Il-kowċ tat-tim U/20 Sergio Batista nħatar kowċ nazzjonali temporanju minflok Diego Maradona u se jmexxi lill-Arġentina kontra Eire fil-11 ta' Awwissu

Grondona qal li l-kowċ tat-tim nazzjonali U/20 Sergio Batista, eks sieħeb fit-team ma' Maradona fl-1986, kien l-għażla loġika għalissa bħala kowċ temporanju u se jkun qed imexxi lit-tim għall-partita ta' ħbiberija kontra l-Irlanda f'Dublin fil-11 ta' Awwissu.

TAZZA TAD-DINJA 2022

## Il-President tal-Konfederazzjoni tal-Asja favur il-kandidatura tal-Qatar

Il-President tal-Konfederazzjoni tal-Football tal-Asja Mohmed Bin Hammam mill-Qatar se jitfa' sahħtu kollha wara l-kandidatura ta' pajjiżu biex torganizza t-Tazza tad-Dinja tal-2022.

L-appoġġ ta' Bin Hammam, ukoll membru tal-Kumitat Eżekuttiv tal-FIFA, hu ta' stimolu kbir għall-pajjiż żgħir emirat mill-Gulf.

Kif inhu mistenni t-Tazza tad-Dinja se tmur fl-Ewropa fl-2018, il-Qatar se jikkompeti mal-Korea ta' Isfel, il-Ġappun, l-Awstralja u l-Istati Uniti għad-dritt li jorganizzaw l-edizzjoni tal-2022.

"Vot wieħed għandi u se nivvota għall-Qatar, imma jekk il-Qatar ma jkunx hemm, nivvota għal pajjiż ieħor mill-Asja," qal Bin Hammam lil *Soccerex Asian Forum* ta' Singapore.

Qatar se jkun it-tieni pajjiż mill-Asja li se jorganizza l-edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja wara l-edizzjoni tal-2002 li saret fil-Korea ta' Isfel u fil-Ġappun. Il-FIFA se tagħżel il-pajjiżi organizzativi għall-2018 u l-2022 fit-2 ta' Diċembru.

"Kont kontra li ż-żewġ edizzjonijiet li jmiss wara dik tal-Brażil ikunu deċiżi fl-istess kamra u fl-istess jum, imma ħafna mill-kollegi kienu favur u allura rrid nirrispetta l-esperjenza u l-għerf tagħhom għax ħafna minnhom għandhom esperjenza aktar minni," qal Mohammed Bin Hammam,

Il-President tal-Konfederazzjoni tal-Asja qal li mhux qed jaqbel mal-President tal-FIFA Sepp Blatter. Bin Hammam kien qed jissemma bħala s-suċċessur possibbli ta' Blatter.

Imma Bin Hammam kellu tifħir għal Blatter għax ħa t-Tazza tad-Dinja fl-Afrika ta' Isfel din is-sena għall-ewwel darba fejn qal li l-avveniment kien suċċess kbir.

"Blatter kien konvint mit-Tazza tad-Dinja fl-Afrika waqt li ħafna minna kellhom dubji kemm l-Afrika kienet se tkun suċċess," ikkummenta Bin Hammam.

COPA LIBERTADORES

## Universidad de Chile viċin il-final

Universidad de Chile għamlu pass ieħor importanti lejn l-ewwel finali tagħhom fil-Copa Libertadores meta żammew draw 1-1 lil Guadalajara fil-Messiku, fl-ewwel leg tas-semi-finali.

Rafael Olarra poġġa liċ-Ċileni fil-vantaġġ żewġ minuti wara l-mistrieħ meta l-Messikani naqsu li jikklerjaw il-ballun.

Omar Arellano kiseb id-draw ħames minuti wara għal Guadalajara meta skorja wara li xutt ta' Omar Bravo kien imblukkat minn difensur.

Guadalajara li ngħataw bye għal mal-aħħar 16 bħala kumpens tal-kampanja preċedenti tagħhom meta rtiraw mill-fażi tan-knock-out minħabba s-*swine flu* fil-Messiku, iddominaw il-partita imma ma setgħux jiskorjaw il-goal rebbieħ.






# "GRAZZI TAL-FIDUĊJA U TALLI EMMINTU F' BANIF"

Is-Sur Joaquim F. Silva Pinto,
Kap Eżekuttiv - Banif Bank (Malta) plc




Il-Banif Bank (Malta) plc irċieva l-premju ta' l-Aqwa Grupp Bankarju ta' Malta għas-sena 2010 minn World Finance.

Dan il-premju ingħata lill-Banif bħala rikonoxximent għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Bank, għall-governanza korporattiva solida u għas-soluzzjonijiet finanzjarji innovattivi li jipprovdu valur miżjud lill-klijenti.

Dan ir-rikonoxximent importanti ma kienx ikun possibli mingħajr il-fiduċja murija fina mill-klijenti, impjegati u azzjonisti.

**BANIF**
BANK
*The power of believing*

www.banif.com.mt

Il-Banif Bank (Malta) plc huwa liċenzjat mill-MFSA biex joffri servizzi bankarji, skond it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju 1994. Registrat f'Malta C41030 – 203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira, GZR 1368, Malta.